**ISSIR IL-LAQGĦA ANNWALI ĠENERALI TAL-LOMBARD BANK**

Waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' l-azzjonisti tal-Lombard Bank, iċ-Chairman Christian Lemmerich, tkellem dwar il-progress li għamel il-Bank fil-perjodu ta' 9 xhur li għalqu fit-30 ta' Ġunju, 2003. Il-Lombard Bank għamel qliegħ qabel it-taxxa ta' Lm1.268 miljun, jiġifieri żjieda ta' 8% fuq l-istess perjodu s-sena l-oħra.

Mr. Lemmerich kien qed jindirizza l-laqgħa li saret illejla fil-bini tal-Kamra tal-Kummerċ, il-Belt Valletta. Minħabba li l-Bank ser jagħlaq din is-sena finanzjarja fil-31 ta' Diċembru, 2003, il-Laqgħa ma kelliex għalfejn tapprova il-kontijiet finanzjarji annwali bħas-soltu; dan se jsir fl-ewwel nofs tal-2004. L-azzjonisti iżda rċevew preżentazzjoni dettaljata dwar l-operat u r-riżultati tal-Bank għad-9 xhur li għalqu f'Ġunju 2003, kif ukoll informazzjoni oħra ta' nteress għalihom.

Fost ix-xogħol tas-soltu, il-Laqgħa approvat id-deċiżjoni tad-Diretturi li jitħallas interim dividend ta' 6ċ0 kull sehem. Il-mozzjoni li kienet titlob lill-membri sabiex japprovaw l-għażla bejn li jirċievu d-dividend fi flus jew permezz ta' ħruġ ta' ishma ġodda għaddiet ukoll. Xi ġimgħat qabel il-Bank kien ħabbar li l-prezz li bih kellhom jiġu allokati l-ishma ġodda kien ġie stabbilit bħala Lm3.688.

Il-Laqgħa kkunsidrat u approvat ukoll Riżoluzzjoni Straordinarja li tawtorizza l-Bord tad-Diretturi biex jintroduċi fil-Bank skema sabiex l-impjegati jkunu jistgħu isiru azzjonisti. Dan se jkun ifisser tibdil fl-Istatut u r-Regolamenti tal-Bank, li fosthom se jkun hemm il-ħolqien ta' klassi ġdida ta' ishma. Għal dan it-tibdil se jkun meħtieġ li terġa titlaqqa Laqgħa Ġenerali tal-Bank għall-approvazzjoni tagħha.

Fil-Laqgħa tħabbar ukoll li s-Sur Norman P Mifsud kien qiegħed jirtira minn direttur u ma kellux il-ħsieb li jikkontesta l-elezzjoni. Iċ-Chairman Christian Lemmerich irringrazzja lis-Sur Mifsud għas-snin li fihom huwa ta kontribut bħala direttur tal-Bank. Is-sur Graham A Fairclough u s-sur Joseph Said ġew eletti diretturi skond l-istatut tal-Bank.

23 t' Ottubru 2003